



Brussell, 26 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16149/24

**SPORT 83
SUSTDEV 128
ENV 1149
SOC 870**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati
Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-trawwim tal-legat dejjiemi ta'
avvenimenti sportivi kbar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-25 u s-26 ta' Novembru 2024.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-trawwim tal-legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar

INTRODUZZJONI

L-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pajjiżi, reġjuni u bliet ospitanti, li, madankollu, tista' teħtieġ ukoll investiment sinifikanti. Sabiex isir użu massimu minn tali investiment u biex jinqeda l-interess pubbliku, huwa essenzjali li jsir sforz għal legat sportiv, infrastrutturali, ambjentali, ekonomiku u soċjali tanġibbli u intanġibbli dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar li huwa prerekwiżit għall-aċċettazzjoni u r-rikonoxximent tagħhom mill-pubbliku ġenerali u għas-suċċess tagħhom.

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU:

1. Fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirreferi għall-isport bħala qasam fejn l-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri u l-Artikolu 165 TFUE, li skontu "L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija l-quddiem tal-kwistjonijiet Ewropej tal-Isports, waqt li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tiegħu".
2. Fil-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2024-2027¹ u l-oqsma ta' priorità u l-objettivi ta' gwida tiegħu, u b'mod partikolari s-suġġett ewljeni "Avvenimenti sportivi kbar".

¹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Lulju 2024 – 31 ta' Diċembru 2027), ĠU C, C/2024/3527, 3.6.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3527/oj?locale=mt>.

3. Fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport² li tirrikonoxxi li, fost l-oħrajn, il-karatteristiċi ewlenin għall-biċċa l-kbira tal-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri fl-Ewropa jirrappreżentaw organizzazzjoni tal-isport fuq bażi awtonoma, demokratika u territorjali bi struttura piramidali, li tinkludi l-livelli kollha tal-isport mill-isport tal-massa għal dak professjonali, li tkopri kemm il-kompetizzjonijiet tal-klabbs kif ukoll dawk nazzjonali u inkluż mekkaniżmi biex jiġu żgurati s-solidarjetà finanzjarja, il-ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet, bħall-prinċipju tal-promozzjoni u r-relegazzjoni.
4. Fl-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif imniżżeż fl-Anness II tal-Anness.

FILWAQT LI JIRRIKONOXU LI:

5. Avvenimenti sportivi kbar jistgħu jkunu katalist għall-bidla fis-soċjetà, fir-rigward tas-sostenibbiltà, l-integrità, l-inklużività, l-aċċessibbiltà³ u stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħha⁴ u jistgħu jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-viżibbiltà tal-bliet, ir-reġjuni u l-pajjiżi ospitanti.⁵

² Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, ĠU C 501, 13.12.2021, p. 1-7.

³ Il-Karta Soċjali Ewropea għall-Avvenimenti Sportivi (2023), disponibbli fformat diġitali fuq is-sit web tal-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Min Iħaddem fl-Isport (EASE): <https://www.easesport.eu/wp-content/uploads/2023/09/european-social-charter-for-sport-events.pdf>

⁴ An evidence-based assessment of the impact of the Olympic Games on population levels of physical activity (Valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza tal-impatt tal-Logħob Olimpiku fuq il-livelli tal-popolazzjoni tal-attività fiżika), Adrian Bauman, Masamitsu Kamada, Rodrigo Reis, et al., The Lancet, Volume 398(10298), (Lulju-Awwissu 2021).

⁵ A lasting legacy: How major sporting events can drive positive change for host communities and economies (Legat dejjiemi: Kif avvenimenti sportivi kbar jistgħu jixprunaw bidla pożittiva għall-komunitajiet u l-ekonomiji ospitanti); Deloitte (2010), p. 8.

6. Avvenimenti sportivi kbir għandu l-potenzjal li joħloq legat dejjiemi u jista' jikkontribwixxi għar-reputazzjoni globali u pubblika tal-belt, ir-reġjun, il-pajjiż ospitanti u l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, jikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jagħti spinta lill-komunità, lill-kburija u l-koeżjoni nazzjonali u Ewropea, kif ukoll lill-iżvilupp ekonomiku, soċjali, turistiku u kulturali tal-belt, ir-reġjun jew il-pajjiż ospitanti.⁶
7. Jista' jkun hemm varjetà wiesgħa ta' legati tanġibbli u intanġibbli ta' avvenimenti sportivi kbar:
 - a) Bħala parti mil-legat sportivi, l-avvenimenti sportivi kbar spiss ikunu akkumpanjati mill-iżvilupp tal-infrastruttura tal-isport. Jipprovd wkoll opportunità għal sensibilizzazzjoni akbar dwar l-attività fizika⁷; dawn jistgħu jkunu ta' impetu għal aktar appoġġ u sponsorizzazzjoni fil-qasam tal-isport u għal inizjattivi ġodda biex jiġu estiżi l-offerti sportivi għall-pubbliku ġenerali, inkluż programmi ta' żvilupp sportiv għall-klabbs, l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, il-postijiet tax-xogħol, kif ukoll għal żieda fil-parteċipazzjoni fl-isport fost il-popolazzjoni ta' kull età, inkluż dawk bi stil ta' ħajja sedentarja.
 - b) Il-legat infrastrutturali usa' jista' jinkludi t-titħib, il-modernizzazzjoni u r-rinnovazzjoni tan-networks, li jvarjaw mit-trasport pubbliku għat-telekomunikazzjoni, ir-rotot ta' aċċess kif ukoll is-servizzi bażiċi, bħall-ilma, l-elettriku u t-trattament tal-iskart. Il-modernizzazzjoni jew l-estensjoni potenzjali tal-infrastruttura tat-trasport, dik residenzjali, tal-avvenimenti u tad-divertiment, anke f'termini ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità, tista' ttejjebil il-kwalità tal-ħajja u l-attraenza tal-belt, ir-reġjun u l-pajjiż ospitanti. Huwa importanti li tali titħib fl-infrastruttura jsir b'mod sostenibbli u li jiissodisfa l-ħtiġijiet tal-komunità lokali, anke wara l-avvenimenti sportivi kbir.

⁶ Happiness, pride and elite sporting suċċess: What population segments gain most from national athletic achievements? (Kuntentizza, kburija u suċċess sportivi tal-ogħla livell: Liema segmenti tal-popolazzjoni jiggwadjanjaw l-aktar mill-kisbiet atletiċi nazzjonali?) Sport Management Review Volume 16, Hargħa 2, Mejju 2013, p. 226-235.

⁷ Building Social Legacies: Through Mega, Major and Signature Sport Events (Il-bini tal-Legati Soċjali: Permezz ta' Avvenimenti Sportivi Enormi, Kbar u Distinti) (Settembru 2019) ISBN: 978-1-9992609-0-3, p. 16.

- c) Bħala parti mil-legat ekonomiku, l-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar jista' jgħin biex tingħata spinta lill-ekonomija, jista' jikkontribwixxi għal żieda fit-turiżmu internazzjonali u domestiku⁸, jista' jagħti spinta lill-innovazzjoni, lill-impjieg i u joħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju fil-belt, fir-reġjun u fil-pajjiż ospitanti.
- d) Il-legat ambjentali jinkludi enfasi fuq it-naqqis tal-impronta tal-karbonju, l-integrazzjoni tal-prinċipji tal-ekoloġizzazzjoni (bħall-enerġiji b'livell baxx ta' karbonju, l-ekonomija ċirkolari, l-istrateġija għall-ġestjoni tal-iskart), u r-rispons għat-tibdil fil-klima. Avvenimenti sportivi kbar jistgħu juru prattiki tajbin fis-sostenibbiltà u fil-kuxjenza ambjentali għall-partijiet ikkonċernati kollha involuti, u jikkontribwixxu għall-objettivi ġenerali tal-UE rigward il-klima, il-bijodiversità u l-effiċjenza fir-riżorsi.
- e) Bħala parti mil-legat soċjali, avvenimenti sportivi kbar jistgħu jikkontribwixxu għal sensibilizzazzjoni akbar ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħha u għat-titjib tal-ħajja tal-individwi, li jinkludi, fost l-oħrajn, dan li ġej:
 - i) Dawn għandhom il-potenzjal li jipprovd impetu għal programmi speċifiċi li jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali, pereżempju permezz ta' żviluppi f'żoni rurali, remoti, periferiċi, inqas żviluppati u reġjuni ultraperiferiċi.
 - ii) Il-promozzjoni u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni fl-isport jistgħu jiżdiedu għaċ-ċittadini kollha, tal-gruppi tal-etajiet kollha, b'mod partikolari għat-tfal fl-iskola, u għall-persuni u l-gruppi minn sfond żvantaġġat.

⁸ Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) (2017), Major events as catalysts for tourism (Avvenimenti kbar bħala katalisti għat-turiżmu), OECD Tourism Papers, OECD Publishing, Pariġi.

- iii) Avvenimenti sportivi kbar, bħal-Logħob Paralimpiku, jistgħu jgħinu biex jittejjeb l-aċċess għall-isport u l-faċilitajiet sportivi għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll il-perċezzjoni tal-pubbliku dwar id-diżabilità.
 - iv) Avvenimenti sportivi kbar jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' programmi kulturali u avvenimenti sekondarji u għat-tishħiħ tas-sens ta' kburija u identità u l-immaġni tal-belt, ir-reġjun jew il-pajjiż ospitanti u l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.
 - v) L-ospitar ta' avveniment sportiv kbar jipprovdi opportunità għall-iżvilupp individwali u komunitarju permezz ta' xogħol volontarju. L-iżvilupp komunitarju jista' jkun objettiv formali ta' kumitat ospitanti f'termini li jħalli legat ta' volontarjat f'komunità.
- 8. Avvenimenti sportivi kbar jistgħu joħolqu sfidi li jeħtieġ li jingħelbu jew jiġu minimizzati wkoll, bħal: il-piżżejjiet baġitarji taż-żamma ta' infrastruttura ta' daqs eċċessiv u potenzjalment mhux użata wara l-avveniment, impatt negattiv fuq l-ambjent (eż. minħabba emissjonijiet ta' gassijiet serra, faċilitajiet mhux sostenibbli, il-querda ta' żoni naturali, telf tal-bijodiversità, żieda fl-iskart u l-istorbju) u l-ġentrifikazzjoni possibbli taż-żoni ospitanti.
- 9. Jekk dawk l-isfidi ma jiġux indirizzati kif xieraq, flimkien man-nuqqas ta' legat dejjiemi, hemm riskju ta' tnaqqis fil-livell ta' appoġġ miċ-ċittadini Ewropej biex jiġu ospitati avvenimenti sportivi kbar⁹ u b'hekk jonqos is-sehem ta' avvenimenti bħal dawn li jsiru fl-Istati Membri tal-UE, u għaldaqstant jiżdied ir-riskju li tali avvenimenti, minflok ma jingħataw lil stati demokratiċi li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, jikkontribwixxu għall-prattiki ta' sportwashing ta' stati oħra.

⁹ Il-paragrafu 12 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar it-tishħiħ tal-integrità, it-trasparenza u l-governanza tajba favvenimenti sportivi ewlenin, ĠU C 212, 14.6.2016, p. 14-17.

10. Sabiex jiġu minimizzati l-impatti negattivi u jinkiseb legat dejjiemi, hija meħtieġa perspettiva ta' ppjanar fit-tul. Din teħtieġ tmexxija b'saħħitha u impenn sostnut mill-kumitat organizzattiv, l-organizzazzjonijiet sportivi u l-awtoritajiet pubbliċi tal-belt, ir-reġjun jew il-pajjiż ospitanti, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' avveniment sportiv kbir.
11. L-organizzazzjoni ta' avveniment sportiv ewljeni li jħalli legat dejjiemi teħtieġ l-appoġġ u l-kooperazzjoni ma' diversi setturi (eż. l-isport, l-ekonomija, it-turiżmu, it-trasport pubbliku, l-awtoritajiet tas-sikurezza, il-kultura, il-media, l-edukazzjoni, iż-żgħażaq, is-saħħha, u l-affarijiet interni u esterni) u firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Dawn jinkludu l-awtoritajiet pubbliċi, in-neozzji, l-organizzazzjonijiet sportivi internazzjonali, nazzjonali u lokali, il-NGOs u s-soċjetà ċivili.¹⁰
12. Huwa importanti li tiġi promossa b'mod attiv il-viżjoni ta' legat dejjiem ta' avvenimenti sportivi kbar għall-pubbliku, speċjalment il-komunitajiet lokali u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra, u li dawn jiġu involuti sa mill-fażi preparatorja.
13. Is-sigurtà ta' avvenimenti sportivi kbar għandha tiġi garantita bi provvista adegwata ta' riżorsi materjali u umani biex isir sforz għas-sikurezza u l-koeżiżtenza paċifika ta' kulħadd, eż. atleti, spettaturi, kif ukoll residenti, u t-tgawdija paċifika tal-avveniment.

¹⁰ A lasting legacy: How major sporting events can drive positive change for host communities and economies (Legat dejjiemi: Kif avvenimenti sportivi kbar jistgħu jixprunaw bidla pożittiva għall-komunitajiet u l-ekonomiji ospitanti); Deloitte (2010), p. 10.

14. Għalkemm hemm stħarriġiet u studji disponibbli dwar diversi aspetti tal-legat ta' avvenimenti sportivi kbar, il-monitoraġġ sistematiku u xjentifiku jista' jittejjeb biex jappoġġa politiki bbażati fuq l-evidenza rigward il-legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar.
15. L-ġhażla ta' ospitar konġunt f'diversi bliest, reġjuni u pajjiżi tista' tagħmel l-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar aktar attraenti u fattibbli anke għal pajjiżi iż-ġħar, filwaqt li tnaqqas il-piż assoċjat u tqis l-impronta tal-karbonju addizzjonali li t-trasport jista' joħloq. Dan jista' jikkontribwixxi wkoll għad-dimensjoni Ewropea fl-isport u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni Ewropea.
16. L-ospitar u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi iż-ġħar jistgħu jipprevedu wkoll il-bini ta' legat dejjiemi sabiex jiġu promossi stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħha u attiv, volontarjat u aċċess għall-isport, b'mod partikolari għaż-żgħażaq u dawk minn sfond żvantaġġat.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

17. Jippromwovu approċċ strateġiku, b'kont meħud tal-legati sportivi, infrastrutturali usa', ambjentali, ekonomiċi u soċjali mill-fażi inizjali tal-proċess ta' ppjanar permezz tal-proċedura tal-offerti kif ukoll it-tħejjijiet għall-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar u matulhom.
18. Jikkunsidraw, fejn rilevanti, il-kundizzjonament tal-finanzjament mill-Istat tal-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar fuq l-iffukar fuq l-aspetti ta' legat dejjiemi u ta' sostenibbiltà matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-avveniment, b'kont meħud tal-prinċipji ta' governanza tajba.

19. Jippromwovu, mill-bidu nett, kooperazzjoni mill-qrib bejn l-organizzatur jew il-kumitat organizzattiv u l-lawtoritajiet pubbliċi tal-belt, ir-reġjun jew il-pajjiż ospitanti, u l-involviment ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati - bħal organizzazzjonijiet sportivi, is-settur tal-media, kumpaniji, komunitajiet lokali, voluntiera u l-pubbliku ġenerali - biex jiġi żgurat legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar.
20. Jippromwovu l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar b'mod sostenibbli, ċirkolari u newtrali għall-klima u jużaw dawk l-avvenimenti bħala proġetti pilota għal innovazzjonijiet sostenibbli fkollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u diversi organizzazzjonijiet speċjalizzati fis-sostenibbiltà, kif ukoll permezz ta' sħubijiet ma' universitajiet u ma' ċentri ta' riċerka.
21. Jistinkaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-moviment sportiv, biex jiżguraw li l-akbar għadd possibbli ta' persuni jibbenfikaw minn avvenimenti sportivi kbar u l-legat tagħhom, filwaqt li jużaw l-avvenimenti biex tinbena komunità, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jitrawmu r-rispett reċiproku u t-tolleranza.
22. Jipprovdu, fejn xieraq, appoġġ adegwat lill-klabbs sportivi u l-muniċipalitajiet sabiex ikollhom ir-riżorsi u l-infrastruttura meħtieġa biex jilqgħu u jimmaniġġaw l-interess akbar fl-attività sportivi li jista' jkun hemm wara l-avveniment sportiv kbir.
23. Jippromwovu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-moviment sportiv, il-ħolqien ta' programmi speċifiċi ta' volontarjat, li jattiraw volontiera biex jikkontribwixxu għal avvenimenti sportivi kbar, u l-istabbiliment ta' standards biex jivalutaw il-ħidma tagħħom matul u wara l-avveniment, kif ukoll mekkaniżmi biex jirrikonox Xu l-ħiliet miksuba mill-volontiera matul l-avvenimenti sportivi kbar, u networks biex jimmobilizzawhom għal attivitajiet futuri fis-settur tal-isport.

24. Jużaw l-impetu ta' avvenimenti sportivi kbar biex jippromwovu l-attività fiżika, stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħha, kif ukoll valuri Ewropej u Olimpiċi fis-soċjetajiet tagħna fit-tul, b'miżuri mmirati, eż. fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-assoċjazzjonijiet taż-żgħażaqgħ u l-klabbs sportivi, il-postijiet tax-xogħol, il-komunitajiet lokali u reġjonali, b'attenzjoni partikolari għall-persuni li huma sottorappreżentati fl-attività sportivi.
25. Jagħtu attenzjoni speċjali lill-inklużjoni soċjali, fost l-oħrajn permezz ta' żviluppi infrastrutturali sostenibbli konnessi ma' avvenimenti sportivi kbar f'żoni żvantaġġati.
26. Jippromwovu l-inklużività u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' avvenimenti sportivi kbar u jiżguraw accès nondiskriminatory għall-infrastruttura tal-isport.
27. F'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati involuti, jipprovdu l-mezzi biex jiggarrantixxu l-integrità sportiva, l-ospitalità kif ukoll l-ogħla standards ta' sikurezza u sigurtà meħtieġa biex l-avvenimenti jsiru sikuri, siguri u akkoljenti, ġewwa u barra l-bini.
28. Jippromwovu avvenimenti kulturali, edukattivi u oħrajn b'opportunitajiet għat-tfal u għall-ġenerazzjonijiet kollha biex jesperjenzaw l-arti u l-kultura kemm qabel, matul kif ukoll wara avvenimenti sportivi kbar.
29. Jippromwovu ofsa u standards internazzjonali u Ewropej eżistenti li jikkontribwixxu biex jiżguraw il-legat pożittiv ta' avvenimenti sportivi kbar¹¹.

¹¹ Fost l-oħrajn, ir-rakkmandazzjonijiet mill-Kontribut tal-isport għall-Patt Ekoloġiku Ewropew - Playbook tas-settur tal-isport (Sport's contribution to the European Green Deal - A sport sector playbook) (2023), il-Karta Soċjali Ewropea għall-Avvenimenti Sportivi (European Social Charter for Sport Events) (2023), il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), il-Qafas dwar l-Isport għall-Azzjoni Klimatika, il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (2011), il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju (2023), kif ukoll l-istandard ISO 20121:2024 għas-sistemi ta' ġestjoni tas-sostenibbiltà tal-avvenimenti.

30. Jippromwovu l-monitoraġġ u l-ġbir ta' informazzjoni u data, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' rapportar iddedikati, biex itejbu l-kejl tal-legat ta' avvenimenti sportivi kbar, bl-użu, pereżempju, tal-linji gwida tal-OECD¹².
31. Jippromovu l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-bliet, ir-reġjuni u l-pajjiżi li ospitaw avvenimenti sportivi kbar.
32. Jinkoraġġixxu organizzaturi futuri ta' avvenimenti sportivi kbar, kif ukoll setturi oħra, biex jieħdu ispirazzjoni minn prattiki innovattivi, sostenibbli u responsabbi (pereżempju, il-Karta Soċjali ta' Pariġi tal-2024 jew id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għall-UEFA EURO 2024).
33. Jippromwovu l-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar minn aktar minn pajjiż wieħed, sabiex aktar pajjiżi, inkluż dawk iżgħar, ikunu jistgħu jibbenifikaw mil-legat tanġibbli u intanġibbli ta' avvenimenti sportivi kbar, filwaqt li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi u tiġi evitata l-impronta tal-karbonju addizzjonali li jista' joħloq it-trasport.
34. Iħeġġu, meta rilevanti, il-bliet u r-reġjuni li ospitaw avvenimenti sportivi kbar biex jikkomplementaw u jrawmu l-legat tagħhom billi jorganizzaw, fkooperazzjoni mill-qrib mal-moviment sportiv, avvenimenti sportivi oħra, inkluż dawk iżgħar, biex jagħmlu użu mill-infrastruttura, l-għarfien espert, il-momentum u l-involviment pubbliku.

¹² OECD (2023), How to measure the impact of culture, sports and business events: A guide, OECD Local Economic and Employment Development (LEED) Papers, Nru 2023/10, OECD Publishing, Pariġi.

35. Jistinkaw ukoll għal legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi iżgħar sabiex, fost l-oħrajn, jippromwov stil ta' ħajja san u attiv, volontarjat u aċċess għall-isport u l-faċilitajiet sportivi għal kulħadd, b'mod partikolari għaż-żgħażaq, gruppi sottorappreżentati, persuni minn sfond żvantaġġat jew b'diżabilità.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

36. Tikkunsidra u tesplora aspetti ta' politika rilevanti relatati mal-legat ta' avvenimenti sportivi kbar bi tħejjija għad-dokument strateġiku l-ġdid fit-tul tagħha dwar il-futur tal-politika tal-UE dwar l-isport¹³.
37. Tikkondivid iħarfien u informazzjoni dwar inizjattivi rilevanti u prattiki tajba li jikkontribwixxu għal-legat dejjiemi ta' avvenimenti sportivi kbar u tiffaċilita l-kondiżjoni ta' informazzjoni u prattiki tajba fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.
38. Tippromwovi l-użu ta' ofqsa u standards internazzjonali u Ewropej eżistenti li jikkontribwixxu biex jiżguraw il-legat pożittiv ta' avvenimenti sportivi kbar¹⁴.
39. Tuża statistika armonizzata dwar l-isport (SSAs – Kontijiet Satellita għall-Isport) u data simili fil-livell tal-UE biex ikejlu aħjar l-impatt sportiv, soċjali, ekonomiku, turistiku, kulturali u ambjentali u l-legat ta' avvenimenti sportivi kbar organizzati fl-Istati Membri tal-UE u trawwem inizjattivi mmirati lejn l-iżvilupp u l-kondiżjoni ta' data rilevanti.

¹³ Il-paragrafu 26 tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2024-2027.

¹⁴ Pereżempju, European Social Charter for Sport Events (il-Kontribut tal-isport għall-Patt Ekoloġiku Ewropew - Playbook tas-settur tal-isport) (2023), European Social Charter for Sport Events (il-Karta Soċjali Ewropea għall-Avvenimenti Sportivi) (2023), UNFCCC Sports for Climate Action Framework (il-Qafas dwar l-Isport għall-Azzjoni Klimatika tal-UNFCCC), il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali dwar l-Imġiba Responsabbi fin-Negożju, kif ukoll l-istandard ISO 20121:2024 għas-sistemi ta' ġestjoni tas-sostenibbiltà tal-avvenimenti.

40. Tikkollabora aktar mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiskambjaw informazzjoni, jimmassimizzaw l-opportunitajiet u jidentifikaw soluzzjonijiet għal sfidi komuni fir-rigward tal-legat ta' avvenimenti sportivi kbar, inkluż permezz tal-inizjattiva SHARE 2.0.
41. Tesplora modi biex tinkoraġġixxi, tirrikonoxxi u żżid il-viżibbiltà ta' inizjattivi ta' volontarjat eċċelenti fil-qasam tal-isport fl-Unjoni Ewropea, li jinkludu l-volontarjat f'avvenimenti sportivi kbar kif ukoll fl-isport għad-dilettanti.

JISTIEDNU L-MOVIMENT SPORTIV U PARTIJIET IKKONĊERNATI RILEVANTI OĦRA, B'KONT MEĦUD TAR-RESPONSABBILTÀ TAGĦHOM U L-AWTONOMIJA TAL-ISPORT, BIEX:

42. Jimpenjaw ruħhom li jirrispettar il-prinċipji tas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali (b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura, il-mobbiltà u l-enerġja), il-governanza tajba, l-imġiba responsabbli fin-negozju, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-konformità ma' standards internazzjonali rikonoxuti¹⁵ meta jiġu organizzati avvenimenti sportivi kbar.
43. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, iħeġġu l-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar minn aktar minn pajjiż wieħed, jekk possibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi u tīgi evitata l-marka tal-karbonju addizzjonal li t-trasport jista' joħloq, peress li offerti konġunti multinazzjonali jistgħu jagħmlu l-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar aktar fattibbli għal pajjiżi iżgħar.

¹⁵ Pereżempju, il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżzi Multinazzjonali dwar l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju, u l-ISO 20121:2024.

44. Jiżviluppaw strateġiji ta' sostenibbiltà u ta' legat¹⁶ u jimplimentaw proċeduri ta' għażla trasparenti bbażati fuq kriterji ppubblikati, li jinfiehma faċilment u li jistgħu jitkejlu u jinkludu aspetti ta' sostenibbiltà u ta' legat fil-kriterji tal-għażla u tal-evalwazzjoni, sabiex kemm jista' jkun pajjiżi, reġjuni u bliet jorganizzaw avvenimenti sportivi kbar sostenibbli b'legat dejjiemi.
45. Jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem u f'dan ir-rigward jieħdu deċiżjonijiet responsabbi dwar l-ospitar ta' avvenimenti sportivi kbar kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha.¹⁷
46. Jagħtu pariri, jappoġġaw u jimplimentaw sistemi xierqa ta' monitoraġġ u rapportar, sabiex il-miżuri inklużi fl-offerta jew miftiehma fil-kuntratt dwar l-ospitar biex jiġu żgurati l-prinċipji tas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali (b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura, il-mobbiltà u l-enerġija), il-governanza tajba, l-imġiba responsabbi fin-negozju, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-legati dejjiema fil-fatt jitwettqu.
47. Jintegraw il-promozzjoni ta' legat dejjiemi fil-kampanji ta' komunikazzjoni għal avvenimenti li ġejjin u preċedenti bl-involviment ta' voluntiera, ospitanti u atleti, inkluż para-atleti u ambaxxaturi sportivi konnessi ma' dawk l-avvenimenti.

¹⁶ Il-Kumitat Olimpiku Internazzjonal (KOI), Legacy strategic approach: 2021-2024 objectives (2021); (Approċċ strateġiku ta' legat: Objettivi 2021-2024 (2021)).

¹⁷ Abbażi tal-paragrafu 48 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport, dwar l-ittra ffirmata minn 22 Stat Membru fil-21 ta' Novembru 2013 lill-Kummissarju Androulla Vassiliou u l-ittra ffirmata minn 27 Stat Membru fis-27 ta' Jannar 2021 u mibgħuta lill-Kummissarju Mariya Gabriel; b'kont meħud ukoll tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (2011).

48. Jużaw il-potenzjal ta' avvenimenti sportivi kbar biex jippromwovu b'mod wiesa' l-isport u l-attività fízika fost il-popolazzjoni, pereżempju permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki, billi jikkombinaw avvenimenti sportivi kbar ma' avvenimenti sportivi iżgħar miftuħa għal atleti mhux professjonal li jrawmu involviment akbar fl-isport, jew billi jippromwovu l-integrazzjoni ta' faċilitajiet sportivi u attività fízika fid-disinn urban kif ukoll fiż-żoni rurali.
 49. Bħala parti mis-solidarjetà finanzjarja, jinkoraġġixxu l-użu tad-dħul mill-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar biex jintlaħaq il-livell tad-dilettanti.
-

ANNESS I TAL-ANNESS

DEFINIZZJONIJIET għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet:

"Avveniment sportiv kbir" tfisser avveniment internazzjonali organizzat f'pajjiż, reġjun jew belt ospitanti wieħed jew aktar u li ġħaliex jattendu delegazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali differenti bl-għan li jipprattikaw sport wieħed jew aktar. Avvenimenti sportivi kbar għandhom profil medjatiku internazzjonali għoli, jilqgħu' bosta eluf ta' nies, fosthom sostenituri, ġurnalisti, gruppi tekniċi u uffiċċiali, u ta' spiss huma organizzati fuq diversi ġranet konsekuttivi.¹⁸

"Legat dejjiemi" huwa mifhum bħala l-impatti tangħibbli u intangħibbli pożittivi fit-tul ta' avvenimenti sportivi kbar, li jinkludu, fost l-oħrajn, l-eżiġi sportivi, infrastrutturali, ekonomiċi, ambjentali u soċjalji għall-belt, ir-reġjun jew il-pajjiż ospitanti.

¹⁸ Abbażi tar-Rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' avvenimenti sportivi ewlenin, b'mod partikolari dwar l-aspetti ta' legat b'enfasi fuq is-sostenibbiltà soċjalji, ekonomika u ambjentali, adottati mill-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar id-Dimensjoni Ekonomika tal-Isport.

ANNESS II TAL-ANNESS

Kuntest politiku

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, u b'mod partikolari għat-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażaq ġu C 32, 4.2.2014 p. 2–5.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar it-tisħiħ tal-integrità, it-trasparenza u l-governanza tajba f'avvenimenti sportivi ewlenin, ĠU C 212, 14.6.2016, p. 14–17.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar "L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli", ĠU C 170, 25.4.2022, p. 1–6.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Innovazzjoni fl-Isport, ĠU C 212, 4.6.2021, p. 2–9.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport, ĠU C 416, 11.12.2019, p. 3–8.
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar manwal aġġornat b'rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pulizija u l-ġestjoni tar-riskju ta' partiti tal-futbol b'dimensjoni internazzjonali, fejn ikun involut tal-anqas Stat Membru wieħed ("Manwal tal-UE dwar il-Futbol"), dok. 11160/24.

- Kunsill tal-Ewropa, Rakkmandazzjoni CM/Rec(2021)5 dwar il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta. Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-13 ta' Ottubru 2021 fl-1414-il laqgħa tal-Viċi Ministri, l-Artikolu 9(1)(d).
- Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, A/RES/70/1, Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli, Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015 (§37).